

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## KUNSILL

## SEJĦA MIFTUĦA

## Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka Xjentifika u Teknika (COST)

(2008/C 283/05)

Il-COST tressaq flimkien gruppi ta' riċerka u esperti f'pajjiżi differenti li jaħdmu fuq suġġetti speċifiċi. Il-COST MA TIFFINANZJAX ir-riċerka per se, imma tappoġġa attivitajiet ta' networking bħal laqgħat, konferenzi, skambji xjentifiċi fuq terminu qasir u attivitajiet ta' popolarizzazzjoni. Bħalissa huma appoġġati aktar minn 200 netwerk xjentifiku (Azzjonijiet).

Il-COST tappella għal proposti ta' Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-iżvilupp xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, kulturali jew soċjetali ta' l-Ewropa. Proposti li jkollhom rwol prekursor għal programmi oħrajn Ewropej u/jew inizjati minn riċerkaturi fi stadju bikri huma milqugħa b'mod speċjali.

L-iżvilupp ta' rabtiet aktar sodi fost ir-riċerkaturi Ewropej huwa kruċjali għall-bini ta' l-Ispazju Ewropew tar-Riċerka (SER). Il-COST jstimula networks ta' riċerka ġodda, innovattivi, interdixiplinari u wisgħin fl-Ewropa. L-attivitajiet tal-COST jitwettqu minn gruppi ta' riċerka għat-tisħiħ tas-sisien tal-bini ta' eċċellenza xjentifika fl-Ewropa.

Il-COST hi organizzata f'disa' Setturi (Bijomediċina u Bijoxjenzi Molekulari; Kimika u Xjenzi u Teknoloġiji Molekulari; Xjenza tas-Sistema Terrestri u Ġestjoni Ambjentali; — Ikel u Agrikoltura; Foresti, Prodotti u Servizzi tagħhom; Individwi, Soċjetà, Kultura u Saħħa; It-Teknoloġiji ta' l-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni; Materjali, Fiżika u Nanoxjenzi; Trasport u Żvilupp Urban). Il-kopertura intenzjonata ta' kull Settur hi spjegata f'[www.cost.esf.org](http://www.cost.esf.org).

Il-proponenti huma mistiedna jqiegħdu s-suġġett tagħhom f'Settur wieħed. Madankollu, proposti interdixiplinari li ma jaqgħux direttament f'Settur wieħed huma partikolarment milqugħa u ser ikunu vvalutati separatament minn Korp Permanenti għall-Evalwazzjoni ta' Proposti Multidixiplinari (Trans-Domain Proposals Standing Assessment Body).

Il-proposti għandhom jinkludu riċerkaturi minn mill-anqas ħames pajjiżi tal-COST. Jista' jiġi mistenni appoġġ finanzjarju fil-firxa ta' EUR 100 000 p.a. normalment għal 4 snin.

Il-proposti ser ikunu vvalutati f'żewġ stadji. **Proposti Preliminari** (mhux aktar minn 1 500 kelma/3 paġni), mibgħuta bl-użu tal-mudell online fuq [www.cost.esf.org/opencall](http://www.cost.esf.org/opencall) għandhom jipprovdu deskrizzjoni qasira tal-proposta u l-impatt maħsub tagħha. Il-proposti li ma jikkonformawx mal-kriterji ta' eliġibilità tal-COST (eż. li jitolbu finanzjament għar-riċerka) ser jiġu esklużi. Il-Proposti Eliġibbli ser ikunu vvalutati mill-Kumitat tas-Setturi rilevanti skond il-kriterji ppubblikati f' [www.cost.esf.org](http://www.cost.esf.org). Il-Proponenti ta' Proposti Preliminari magħżula ser ikunu mistiedna jissottometti Proposta Sħiħa. **Proposti Sħaħ** ser ikunu riveduti bejn il-pari skond il-kriterji ta' valutazzjoni f'[www.cost.esf.org/opencall](http://www.cost.esf.org/opencall). Id-deċiżjoni normalment ser tittieħed fi żmien sitt xhur mid-data tal-ġbir u l-Azzjonijiet għandhom ikunu mistennija sa fi żmien tliet xhur wara.

Id-data tal-ġbir għall-**Proposti Preliminari** hi s-27 ta' Marzu 2009. Madwar 80 Proposta Sħiħa ser ikunu mistieden għall-għażla finali ta' madwar 30 Azzjoni ġdida.

**Proposti Shah** ser ikunu mistiedna sal-15 ta' Mejju 2009 għall-preżentazzjoni sal-31 ta' Lulju 2009, b'deċiżjonijiet mistennija f'Novembru 2009. Id-data tal-għbir li jmiss hija prevista għall-25 ta' Settembru 2009.

Jekk iridu l-proponenti jistgħu jikkuntattjaw il-Koordinatur nazzjonali tal-COST (CNC) tagħhom għal informazzjoni u gwida — ara [www.cost.esf.org/cnc](http://www.cost.esf.org/cnc).

**Il-proposti għandhom jintbagħtu online lill-website ta' l-Uffiċċju tal-COST**

Il-COST tirċievi appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet tagħha ta' koordinazzjoni mill-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (RŻT) ta' l-UE. L-Uffiċċju tal-COST, immexxi mill-Fondazzjoni Ewropea tax-Xjenza (ESF), li jaġixxi bħala aġent implimentattiv għal COST, jipprovdi s-segretarjat xjentifiku għas-Setturi tal-COST u l-Azzjonijiet tal-COST.

---